**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 42

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 08 ta' Ġunju 2022

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' onlajn, fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

42.1.1 Ittri ta' apoloġiji ma kienx hemm.

## 42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 41

42.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-wieħed u erbgħin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

42.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

42.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Viċi Sindku Daniel Mallia, l-minuti tal-wieħed u erbgħin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 42.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

42.3.1 Is-Sur Dalli qal kif sa fl-aħħar, l-applikazzjoni tal-PA biex il-kunsill jidħol fl-uffiċċju l-ġdid ġiet irrakkomandata u ser tinstemgħa t-Tlieta 5 ta' Lulju 2022.

42.3.2 Is-Sindku tkellem dwar Triq il-Kbira. Huwa spjega kif ix-xogħol tat-tarmac fi Triq il-Kbira skond l-aħħar komunikazzjoni minn IM ser ikun lest nhar il-Ġimgħa li ġej. Hemm ħafna ħsarat li jridu jitranġaw u nisperaw li kollox imur sew biex ma jbati ħadd u t-Triq finalment tkun tista tinfetaħ sew.

42.3.3 Is-Sur Dalli tkellem dwar ix-xogħol tal-Enemalta tal-cable. Huwa qal kif ix-xogħol ta' tqegħid tal-cable tad-dawl ser jissokta minn nhar il-Ġimgħa li ġej fi Triq il-Kunċizzjoni kantuniera ma' Triq il-Forn, sa ħdejn il-Mużew tas-Subien. Xi ġimgħatejn oħra jekk ma jinqala xejn ikunu qed jagħmlu Triq il-Forn sa l-Istatwa ta' San Pietru u jingħalaq kollox biex fil-festa jkun kollox sew ħlief it-tarmac.

42.3.4 Umbgħad is-Sindku spejga kif ċertu attivitajiet li s-soltu jsiru mill-Għaqdiet bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill flimkien mar-Reġjun Lvant jistgħu jibdew jiġu approvati. Huwa spjega kif ser isemmi xi attivitajiet u li umbgħad jistgħu jiġu approvati waqt il-pagamenti tas-seduta stess. Fost l-attivitajiet is-Sur Dalli semma:

a. Għajnuna lil Kumitat tal-Festi Esterni biex jikru l-meters tad-dawl mill-Enemalta għal waqt il-Festa. Huwa ssuġġerrixxa li l-Kumitat jingħata madwar EUR 800 mill-fond ta' Għajnuna lil Għaqdiet.
b. Għajnuna lis-Soċjeta San Pio X u lis-Soċjeta San Andrija biex bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u r-Reġjun Il-Lvant jiġu mgħottija madwar EUR 500 lil kull Soċjeta biex tkun tista tinġieb banda barranija u tagħmel marċi fit-Tororq ta' Ħal Lija mill-fond tal-Kultura.
c. Għajnuna lil Kamra tan-Nar San Mikiel ta' Ħal Lija ta' madwar EUR 500 biex jintefqu fuq mezzi tas-sigurta għal waqt il-logħob tan-nar. Dawn ukoll għandhom jittieġdu mill-Fond tal-Kultura.

Is-Sur Dalli staqsa lil Kunsilliera jekk jaqblux ma' dawn l-attivitajiet li huwa ssuġġerrixxa biex bħala membru tar-Reġjun il-Lvant iressaqhom fis-seduta li jmiss tar-Reġjun li ser issir propju fis- 17 ta' Ġunju 2022. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma' dawn is-suġġerimenti biex is-Sur Dalli jkun jista jressaqhom għall-approvazzjoni fis-seduta li jmiss tar-Reġjun.

## 42.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

42.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

42.4.2 Is-Sur Cini għamel domanda qasira bil-fomm lis-Sindku dwar ix-xogħlijiet tal-cable li qed isiru minn Enemalta. Is-Sur Cini staqsa lis-Sindku jekk ftakarx li s-Sibt ser ikun hemm il-preċett, l-għada ta'meta Enemalta ikkonfermaw li ser jibdew jpoġġu l-cable fi Triq il-Kunċizzjoni kantuniera ma' Triq il-Forn. Is-Sindku wieġeb kif huwa ma nesix li s-Sibt

hemm il-preċett u anke l-ħaddiema tal-Enemalta jafu, pero x-xogħol irid isir u l-cable jrid jitpoġġa f'mod imminenti għaliex inkella jaf ikun hemm ċans ta' qtuħ ta' dawl, speċjalment issa li beda s-sajf u kulħadd jibda jagħmel aktar użu mill-konsum tad-dawl biex jixgħel il-fannijiet u l-ACs.

## 42.5 Korrispondenza

42.5.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet dwar korrispondenza numru 00048/2022. Is-Sinjorina Borg spejgat kif dik il-korrispondenza saret bejn il-Kunsill u IM fejn l-kunsill għadda lil IM, l-BOQ tal-perit u l-kontijiet kollha tal-kuntrattur relatati mal-wiċċ li ngħata bit-tarmac fil-parti l-ġdida ta' Triq Carmelo Farrugia. IM imxiet mal-qbil li kien sar mal-kunsill biex tagħti reimbursement lura ta' dan ix-xogħol.

## 42.6 Rendikont dwar is-sejħa għall-Skrivan Skala 15 (F/T) mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija

42.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tat update dwar il-proċeduta ta' ingaġġ għall-skrivan Skala 15. Hija nfurmat lis-Sindku u lil kunsilliera kif il-kunsill kien wasal fil-parti tal-proċess fejn ippubblika din is-sejħa fuq il-gazzetta tal-gvern u fuq FB fejn kull min kien interessat seta japplika sat-Tnejn 30 ta' Mejju.

42.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill kollu kif hija irċeviet 7 applikazzjonijiet li pero minnhom ġew aċċettati 5 biss. Dwar dan is-Sinjorina Borg tat spjegazzjoni fil-qosor.

42.6.3 Ġie deċiż li l-interviews lil dawn il-ħames applikanti ser issiru nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2022, mill-10:00am il-quddiem. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tinforma lil applikanti kollha minnufih.

## 42.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-ewwel rapport ta' kull kwart għall-perjodu Jan-Mar 2022

42.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill l-ewwel rapport ta' kull kwart għal perjodu minn Jannar sa Marzu 2022. L-*accountant* is-Sur Kevin Incorvaja kien preżenti pero ma setatx jagħti spjegazzjoni ta' dan ir-rapport għaliex kellu xi problemi tekniċi bil-microphone. L-ispjegazzjoni tar-rapport ingħatat fil-qosor mis-Segretarju Eżekuttiv.

42.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-figuri tar-rapport kif ġej. Hija qalet li l-kunsill kellu dħul totali ta' €82,771, nefqa totali ta' €79,471 u dan irriżulta fi surplus ta' €3,300. Is-Sinjorina Borg kompliet tispjega r-rapport billi tat *breakdown* aktar iddettaljata kemm tad-dħul u kif ukoll tan-nefqa li kellu l-kunsill tul dan il-perjodu. Il-*financial situation indicator* għal dan il-perjodu hija 138%.

42.7.3 Fuq bażi ta' din l-ispjegazzjoni s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk kellhomx xi mistoqsijiet li xtaqu jagħmlu. Mistoqsijiet ma kienx hemm.

42.7.4 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament fuq proposta tal-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia li kienet issekondant mill-Viċi Sindku Daniel Mallia.

## 42.8 Jum Ħal Lija 2022

42.8.1 Is-Sur Dalli qal kif naturalment Jum Ħal Lija ser ikun iċċelebrat fis-6 ta' Lulju, kif dejjem isir. Huwa spjega l-programm pass pass ta' kif ser ikun iċċelebrat dan l-avveniment. L-ewwel ser issir quddiesa ta' ringrazzjamanet fil-Knisja Parrokkjali jew fuq iz-zuntier, fis-6:30pm. Umbgħad fi 6:45pm, ser issir iċ-ċerimonja ta' Ġieħ Ħal Lija fuq iz-zuntier tal-Knisja u ġie rrakkomandat li ritratti ta' din l-okażżjoni jittieħdu fit-Torri Belvedere.

42.8.2 Iċ-Ċerimonja ser tikkonsisti; l-ewwel fi introduzzjoni tas-serata mis-Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill, is-Sinjorina Pamela Borg. Wara jsir diskors tal-okkażjoni mis-Sindku Anthony Dalli u umbgħad jkun hemm l-għotja tal-Medalji u ċ-ċertifikati ta' Rikonoxximent. Is-Sindku kompla jgħid kif ser isir ukoll it-tqassim tal-ittri ta' għajnuna lil għaqdiet fil-lokalita bil-kollaborazzjoni tar-Reġjun Lvant.

42.8.3 Is-Sur Dalli qal kif il-kunsill jrid għal dakinhar jieħu ħsieb jikri sound system u anke fotografu. Huwa qal kif bħala kant għal waqt il-quddies ser jara jekk jistawx ikantaw u jdoqqu xi aljevi tal-bandi.

42.8.4 Is-Sur Dalli qal kif il-bbq imtella mill-għaqdiet, li kien hemm ħsieb li forsi din is-sena jsir fi Jum Ħal Lija, mhux ser isir. Dan għaliex m'hemmx xi rapreżentant mill-għaqdiet li lest isajjar u biex l-kunsill isib kok mhux fisibli u tiġi għolja. Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni kollha.

42.8.5 Wara l-ispjegazzjoni ta' kif ser jitella l-avveniment ta' Jum Ħal Lija, is-Sindku ħalla f'idejn is-Sinjorina Borg biex tinforma lil kunsill dwar l-ammont ta' nominazzjonijiet li ġew sottomessi għal Ġieħ Ħal Lija. Is-Sinjorina Borg qalet kif b'kollox il-kunsill irċieva tlett nominazzjonijiet. Ġew innominati, Dr. Tonio Borg, is-Sur Ronald Vella u s-Sur Louis Cutajar. Is-sinjorina Borg qrat dawn it-tlett nominazzjonijiet fid-dettal biex il-kunsill ikun jista jiddeċiedi lil min ser jingħata Ġieħ Ħal Lija u lil min ser jingħata r-rikonoxximent.

42.8.6 Wara diskussjoni żgħira li saret bejn is-Sindku u l-Kunsilliera, finalment ġie deċiż li Ġieħ Ħal Lija għandu jingħata lil Dr. Tonio Borg filwaqt li s-Sur Ronald Vella u s-Sur Louis Cutajar għandhom jingħataw rikonoxximent.

## 42.9 Festa tas-Salvatur 2022

42.9.1 Is-Sindku qal li reġgħa wasal iż-żmien biex tiġi ċċelebratha l-festa ta' Ħal Lija. Is-Sur Dalli beda billi qal li kif kulħadd jaf il-festa tas-Salvatur tibda tiġi ċċelebratha mis-27 ta' Lulju sas- 6 t'Awwissu. L-għaqdiet qed jitolbu lil kunsill biex waqt li qed issiru l-attivitajiet tal-festa l-aċċess għal pjazza jkun magħluq.

42.9.2 Is-Sur Dalli kompli jgħid kif fis-27 ta' Lulju ser ikun hemm l-għeluq tal-pjazza bejn is-7:00pm u 12:00am. Il-pjazza ser tkun magħluqa bil-barriers u hawnhekk is-Sindku qal kif il-kunsill jrid jinvesti fi xiri ta' barriers tal-plastic tajbin li l-kunsill jaf jkollu użu għalihom mhux fil-festa biss imma anke għall-attivitajiet oħra.

42.9.3 Is-sindku kompla jispjega kif umbgħad fl-1 ta' Awwissu ser ikun hemm fil-pjazza l-Kunċert tas-Soċjeta San Pio X u l-pjazza ser tkun magħluqa mis-7:00pm sa 12:00am. Is-Soċjeta San Pio X ser tieħu ħsieb kollox hi rigward l-għeluq tal-pjazza bil-permess tal-pulizija etċ.

42.9.4 It-2 ta' Awwissu jkun l-ewwel jum tat-tridu u jkun hemm l-marċ. Għalhekk is-Sindku spjega kif il-pjazza ser terġgħa tkun maqħluqa bejn is-7:00pm sa 12:00am bil-barriers. Il-Parking mhux ser jitneħħa. Fit-3 t'Awwissu ser issir l-istess ukoll.

42.9.5 Umbgħad fl-4 t'Awwissu, li tkun l-aħħar ġurnata tat-tridu, jsir marċ kbir. Għalhekk ser tingħalaq il-pjazza u anke jitneħħa l-parkeġġ. Filfatt dakinhar ser ikun hemm bżonn ta' uffiċċjal tal-komunita biex jissorvelja l-pjazza u jridu jitweħlu it-tabelli tan- no parking.

42.9.6 Is-Sindku kompli jispjega kif fil- 5 t'Awwissu, lejliet il-festa, fil-pjazza mhux ser ikun jista jsir parkeġġ. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb li jkun hemm żewġ uffiċċjali tal-komunita bejn il-5:30pm u 2:00am ta' filgħodu. Fil-5:30pm l-uffiċċjali l-ewwel għandhom jaraw li ma jkunx hemm karozzi fil-pjazza u mis-7:00pm il-quddiem iridu jkunu stazzjonati fejn il-Bini tal-Gvern fi Triq Sir Ugo Mifsud kantuniera ma' Triq Naxxar. Dan biex ħadd ma jidħol, ħlief residenti li joqgħodu fil-bini tal-gvern biex ma jkunx hemm aċċidenti u l-karozzi ma jibqgħux deħlin sa fejn ikun hemm in-nar tal-art armat.

42.9.7 Is-Sur Dalli qal li jaf ikun hemm bżonn ta' żewġ uffiċċjali oħra biex jissorveljaw il-permessi tal-kiosks. Il-permessi tal-kiosks jridu jkunu sew, kulħadd f'postu u ħadd ma jista jarma mingħajr permess.

42.9.8 Fis-6 t' Awwissu umbgħad it-traffiku u l-parkeġġ, is-Sindku qal li jieħdu ħsiebhom il-pulizija. Il-Kunsill ser jerġgħa jkollu ukoll it-triq minn fejn il-Bini tal-Gvern magħluqa mis-6:00pm sa 12:00am peress li l-armar tan-nar tal-art jkun għadhu ma żżarmax.

42.9.9 Is-Sindku tkellem ukoll fuq it-tindif li ser ikun qed issir fi żmien il-festa. Huwa nforma lil Kunsilliera kif it-tindif jrid issir kif suppost, hemm kuntratt u jrid jiġi onorat. Fil-5 u s-6 t'Awwissu, il-kunsill ser jitlob għal kennis 'stand by' f'każ ta' xi emerġenza.

42.9.10 Is-Sur Dalli qal ukoll kif mis-6:00pm sa 12:00am, l-kunsill ser jieħu ħsieb li l-latrini jkunu miftuħa bi *attendant/cleaner* li ser tkun 'standby' tara li l-latrini huma nodfa għal min ikun jrid jagħmel użu minnhom waqt il-festa.

42.9.11 Is-Sur Dalli qal li fil-ġranet tal-festa jrid jkun hemm daqsxejn ordni minn naħa ta' kulħadd. Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni kollha. Mal-Minuti qed jiġu mehmuża żewġ rapporti b'aktar informazzjoni ddettaljatha.

## 42.10 Sejħa għal Uffiċċjal Eżekuttiv

42.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill il-ħtieġa li l-kunsill jkollu Uffiċċjal Eżekuttiv, għax fil-preżent m'għandhux impjegat f'dan il-grad. L-uffiċċjal eżekuttiv li kellu l-kunsill irriżenja fil-bidu ta' Jannar 2022 u f'dan ir-rigward is-Sinjura Diane Abela Penza, li bħalissa qiedgħa impjegata fi grad ta' skrivan, qed titlob biex hija tingħata dan il-grad, kemm il-darba l-kunsill jixtieq ikollu uffiċċjal eżekuttiv ġdid.

42.10.2 Qabel ma ħalliet f'idejn is-Sindku u l-kunsill kollu biex jiddeċiedu dwar din it-talba, is-Sinjorina Borg stqarret li s-Sinjura Diane Abela Penza hija mara vera ħabrieka, taf kif għandu jsir ċertu xogħol tal-kunsill, edukata biżejjed biex taqdi lir-residenti u l-klijenti u ma tibżax tieħu azzjoni mmedjatha jew tidħol għal xi biċċa xogħol ġdida. Is-Sinjura Diane Abela Penza dejjem provdiet xogħol tajjeb u dejjem wriet interess f'xogħlha u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv irrakomandat it-talba tagħha għall-approvazzjoni tal-kunsill kollu.

42.10.3 Is-Sindku s-Sur Dalli, kkonferma dak li qalet is-Sinjorina Borg u stqarr kif dan huwa vera minnu għaliex huwa wkoll jqatta ħafna ħin l-uffiċċju u bla ma jrid josserva x-xogħol li jkun qed isir mill-impjegati kollha, inkluż tas-Sinjura Abela Penza. Hawnhekk is-Sur Cini ukoll qabel mas-Sindku u s-Sinjorina Borg, peress li huwa ukoll frekwenti jżur il-kunsill.

42.10.4 Is-Sur Dalli qal li l-kunsill għandu bżonn uffiċċjal eżekuttiv anke speċjalment biex jaġixxi fejn hemm bżonn fl-assenza tal-assistent prinċipal. Is-Sur Dalli qal ukoll kif huwa flimkien mas-Sinjorina Borg għadu qed jistinka biex jintbgħat skrivan addizzjonali mill-community workers scheme. Huwa ser jibqa jippersisti biex jintbgħat xi ħadd ħalli l-amministrazzjoni ma tbatix u tkun tista taħdem aktar effiċċjenti. Ser issir anke talba biex tintbgħat cleaner mill-istess skema bħal ma jidher li għandhom kunsilli oħra.

42.10.5 Il-Kunsill unanimament approva it-talba tas-Sinjura Diane Abela Penza u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv ser tmexxi billi toħroġ is-sejħa għal uffiċċjal eżekuttiv kif għandu jkun. Is-Segretarju Eżekuttiv anke ser tibgħat reminder lil kumpanija li tassenja impjegati mal-kunsilli, mill-community workers scheme, kemm biex xi darba forsi jintbgħat skrivan u anke biex possibilment tintbgħat cleaner.

## 42.11 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

42.11.1.1 <u>SPI.SCI.5.2022 – Finanzjament għal xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet f' Malta u Għawdex</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill l-iskema ta' finanzjament għal xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet f' Malta u Għawdex. Hija spjegat kif permezz ta' din l-iskema ser ikun qed jingħata finanzjament lil kunsilli lokali sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol ta' manutenzzjoni meħtieġ fuq il-funtani fil-lokalitajiet tagħhom. Il-Kunsill Lokali għandu ċans japplika sal-Ġimgħa 15 ta' Lulju 2022.

42.11.1.2 Is-Sinjorina Borg staqsiet lil kunsill jekk mhux interessat japplika għal dawn il-fondi għal funtana li hemm fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv.

42.11.1.3 Is-Sindku qal kif l-unika funtana li għandu fir-responsabbilta tiegħu l-kunsill hija propju dik tal-Ġnien Ċentru Rikreattiv li saret fi żmien ex Sindku, is-Sur Mangion. Is-Sur Dalli tal-parir li l-kunsill japplika u jġib stima tal-manutenzzjoni li hemm bżonn mingħand is-Sur Mangion u l-manutenzzjoni issir minnu stess. Is-Sur Mangion kien hu li ħadem fuq din il-funtana fil-passat u jaf eżatt x'fiha, apparti minn hekk għandu wkoll l-ktieb tal-VAT biex jaħdem.

42.11.1.4 Il-Kunsill unanimament qabel li japplika għal din l-iskema biex issir manutenzzjoni fuq il-funtana tal-Ġnien Ċentru Rikreattiv.

42.11.2.1 <u>Approvazzjoni biex jiġedded is-Servizz ta' DPO (Data Protection Officer)</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsill kif wasal iż-żmien li jiġi mġedded is-servizz obbligatorja ta' DPO li għandu l-kunsill lokali għal sena oħra għaliex il-kuntratt eżistenti skada. Hija ġabet tlett kwotazzjonijiet kif suppost. Is-Segretarju Eżekuttiv fil-qosor tkelmet dwar il-kwotazzjonijiet li hija akkwistat.

42.11.2.2 Il-Kunsill kollu ħa nota ta' din l-informazzjoni u approva l-irħas kwotazzjoni.

42.11.3.1 <u>Update dwar it-tender tal-installazzjoni tal-playing fields</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv tat aġġornament żgħir dwar il-ħruġ tat-tender tal-playingfields. Is-Sinjorina Borg spejgat kif għal min kien interessat jitfa l-offerta tiegħu din it-tender għalqet fil-1 ta' Ġunju 2022. L-offerti nfetħu fl-istess ġurnata u b'kollox kien hemm tlieta. Dawn l-offerti issa qegħdin jiġu evalwati mill-bord.

42.11.3.2 Il-Kunsilliera kollha ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

42.11.4.1 <u>Ħruġ tal-ewwel fuljett għas-sena 2022 – Lulju 2022</u>
Dwar dan l-item is-Sinjorina Borg ħalliet f'idejn is-Sindku biex jitkellem aktar fid-dettal. Is-Sur Dalli spjega kif ser jibdew il-preparazzjonijiet biex jiġi kkumpilat u jinħareġ l-ewwel fuljett għa-sena 2022, għal Lulju.

42.11.4.2 Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni

42.11.5.1 <u>Tneħħija tal-hooks minn mal-ħajt – Ta' Senna</u>
Tressqet talba mal-kunsill biex jitneħħew il-hooks minn mal-ħajt fl-akwata ta' Ta' Senna li fil-passat kien għamel il-kunsill biex ir-residenti jdendlu l-garbage magħhom. Ir-Resident li qed jagħmel din it-talba qed jsostni li l-garbage imdendel faċċatta vera jagħti dehra kerha ta' telqa u fil-vertia m' għandhomx użu għaliex l-qtates xorta qed jimxu minn fuq iċ-ċint u jqattawh minn fuq. Apparti minn hekk dan ir-resident qal li peress li n-nies ma joħorġux il-garbage fejn il-bieb u jdendluh ma' dawn il-hooks, qed jabbużaw u joħorġu l-boroż tal-iskart wara l-ħin tal-ġbir jew fil-ġurnata l-ħazina.

42.11.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kunsill ilu żmien jirċievi rapporti hekk u dejjem għamel mill-aħjar biex jiprova jevita lmenti bħal dawn billi talab għall-asisstenza tal-infurzar mill-uffiċċjali tal-iskart, pero dawn mhux dejjem jirnexxilom jaqbdu fil-fatt lil min huwa resposabbli. Għalhekk is-Sinjorina Borg staqsiet lil kunsill jekk jridx jikkunsidra jneħħi dawn il-hooks biex b'hekk ir-residenti jridu joħorġu l-iskart fejn il-bibien taħghom biss, kif fil-verita suppost hekk għandu jkun.

42.11.5.3 Is-Sindku qal kif problema simili bħal din qed tiġri ukoll fil-pjazza, fejn hemm min qed jabbuża u joħroġ l-iskart tard minn bil-lejl.

42.11.5.4 Il-Kunsill qabel li alissa għandu jkompli jsir aktar enforcement bl-għajnuna tal-LESA. Ser jerġgħu jintbgħatu ukoll avviżi lir-residenti ta' kif għandu jinħareġ l-iskart. Ir-resident għandu jkun infurmat b'din id-deċiżjoni u kemm il-darba xorta din il-problema tibqa tippersisti l-kunsill ser jirriserva d-dritt li jneħħi dawn il-hooks.

42.11.6.1 <u>Talba għal motor cycle bay fi Triq Sir Ugo Mifsud</u>
Tressqet talba fuq il-mejda tal-kunsill biex tiġi mplementatha kaxxa ta' motor cyle fi Triq Sir Ugo Mifsud, fil-parti viċin ta' Bonaċi. Il-persuna li ressaq din it-talba diġa joqgħod Ħal Lija u dalwaqt sejjer joqgħod Triq Sir Ugo Mifsud. Din il-persuna ssuq mutur u biex tkun prudenti u ma tieħux parkeġġ ta' karozza, minnħabba nuqqas ta' parkeġġ, qed titlob biex jekk mhux possibbli tiġi mplementatha kaxxa ta' motor cycle.

42.11.6.2 Is-Sindku qal kif huwa ser jiltaqgħa persuna li qed tagħmel it-talba u ser jmur fuq il-post biex jara fejn tista issir din il-kaxxa . Kemm il-darba din hija possibbli ssir il-kunsill qabel li din it-talba għandha tiġi approvatha u tintbgħat għall-approvazzjoni ta' TM.

42.11.7.1 <u>Talba – Implementazzjoni ta' Mera fi Triq il-Kbira</u>
Fuq il-mejda tal-kunsill tressqet talba għal mera biex tiġi mplementatha fi Triq il-Kbira quddiem dar 168.

42.11.7.2 Is-Sindku qal kif vera hemm bżonn tiġi mplementatha mera fil-post mitlub. Il-kunsill qabel li din it-talba għandha tiġi approvatha u tintbgħat għall-approvazzjoni ta' TM.

42.11.8.1 <u>Triq id-Dejqa – Pjanti u pipe barra</u>
Tressaq każ fuq il-mejda tal-kunsill dwar implementazzjoni ta' pjanti u pipe bi xibka tal-ħadid li ġew installati mhux kif suppost fuq il-bankina fi Triq id-Dejqa. Dawn qiegħdin daqsxejn ta' ostaklu. Is-Sinjorina Borg ħalliet aktar f'idejn is-Sindku biex jitkellem fuq dan l-item.

42.11.8.2 Is-Sindku qal kif dwar din il-kwistjoni mhux ser tintbgħat ittra lis-sid,kif normalment isir meta jkun hemm ilment hekk. Il-Viċi Sindku Daniel Mallia ser jara kif jista jkellem lil din il-persuna li qabdet u għamlet din l-installazzjoni peress li jaf minn hija sewwa. Huwa ser jinfurma lil din il-persuna bl-ilment li sar mal-kunsill u biex possibilment tneħħi din ix-xibka tal-ħadid għax jaf tkun ta' periklu.

## 42.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

42.12.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 06/22 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €104.72 għax-xahar ta' Mejju.

42.12.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kien ssekondat mill-Minority Leader Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għadha magħluqha minħabba s-sitwazzjoni ta' COVID-19, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 42.13 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

42.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif b'kollox sad-data tas-seduta, ma kienx hemm applikazzjonijiet alarmanti ġodda, dan skond l-informazzjoni li dejjem tagħmel u li tibgħat it-townplanner tal-kunsill.

## 42.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

42.14.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

42.14.2.1 Is-Sinjorina Farrugia qalet li Triq Kardinal Ferretti sfortunatament qed tintuża two ways meta mhux suppost għax minn naħa minnhom hemm one way. Hija staqsiet jekk sakemm qed isiru x-xogħlijiet tal-Enemalta, l-uffiċċjali li jkun hemm mal-ħaddiema jissorveljaw ix-xogħol jistax jkun utli u joqgħod ftit attent għal min qed jgħaddu wrong way. Is-Sindku qal li mhux suppost ser tkun problema aktar u karozzi mhux suppost għandhom jibqgħu jgħaddu two way għax tal-Enemalta għandhom jiftħu l-aċċess. Il-Ħaddiema lesti minn Triq il-Mitħna u filfatt ser jibdew jitfgħu l-cable issa aktar l-isfel fi Triq il-Kunċizzjoni kantuniera ma' Triq il-Forn.

42.14.2.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li jekk ser tinfetaħ it-triq, hija tixtieq tkun nfurmatha jekk mhux ser terġgħa tibda tidħol tal-linja tagħti servizz għaliex jistaqsuha ħafna nies li jagħmlu użu minnha.

42.14.3 Is-Sur Zahra staqsa lis-Sindku jekk kellux xi aġġornament dwar l-arblu tal-Enemalta li huwa rrapporta. Is-Sindku qal kif għadu ma sema xejn u ser ikompli jiġri wara l-Enemalta biex jingħata feedback malajr kemm jista jkun.

42.14.4 Il-laqgħa ntemmet fi 6:15pm.

42.14.5 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju 2022 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:00pm onaljn.

Konfermati, illum it-Tnejn 11 ta' Lulju 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |